MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Frar, 2007

Numru. 606/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Josric Mifsud**
**v**

**ANDREW FALZON**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ANDREW FALZON** bin Vincent u Giorgia nee McNab, imwieled nhar l-erbgha ta' Gunju 1967 u joqghod 49, Flat 2, 'Sunshine', Triq l-Hawt, Swieqi, Malta, detentur tal-karta tal-identita numru 244967M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar d-dsatax ta' Lulju 2006, ghal habta tad-disgha ta' bil-lejl saq, ipprova isuq jew kien fil-kontroll tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAT 386 fi Triq il-Luzzu, Marsalforn, Ghawdex, wara li

kkonsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt.
Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lis-Supretendent Antonello Grech, lil Warden 48 Anthony Muscat, lil PC 1380 Loretu Zammit, lil PC 1120 Anthony Stellini, lil PC 415 Angelo Portelli u lil John Saliba jixhdu wkoll fl-udjenza tal-hamsa w ghoxrin ta’ Jannar 2007.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-hamsa w ghoxrin ta’ Jannar 2007.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-hamsa w ghoxrin ta’ Jannar 2007 **xehed s-Supretendent Antonello Grech** u spjega kif fid-dsatax ta’ Lulju 2006, waqt li hu kien l-ghassa ghal habta tal-hdax ta’ bil-lejl, l-imputat gie akkumpanjat l-ghassa minn diversi membri tal-pulizija.  Fuq domanda tad-difiza, kemm il-*breath specimen* ha, x-xhud ikkonferma li hu ha wiehed u r-rizultat kien ta’ 90mg per 100ml ta’ nifs.  Huwa esibixxa r-rizultat tieghu li gie mmarkat bhala dokument AG.

Illi l-**Warden 48 Anthony Muscat ikkonferma** li nhar d-dsatax ta’ Lulju 2006 hu gie msejjah fi Triq l-Luzzu f’Marsalforn sabiex jinvestiga fuq habta li saret bejn vettura bin-numru ta’ registrazzjoni BAT 386 ma vettura li kienet ipparkjata.  Spjega li t-triq in kwistjoni hija triq dejqa pero ma kienx f’posizzjoni jghid jekk kienetx tinfed miz-zewg nahat jew le.

**John Saliba xehed** li f’xi hin ghal habta tad-disgha ta’ bil-lejl huwa sema hoss qawwi u meta ttawwal ‘l barra minn tieqa ra lil imputat hiereg mill-vettura li kien riekeb u l-vettura tieghu mahbuta fil-karozza tieghu li kienet ipparkjata.

**PC 415 Angelo Portelli xehed** li huwa akkumpanja lil PC 1120 Anthony Stellini fuq il-post tal-incident u kien ma’ PC 1120 Anthony Stellini meta ttiehed r-*road side*

*breathalyser test* tal-imputat. Spjega li t-triq hija sqaq ftit wieqaf.

**PC 1120 Anthony Stellini xehed** w kkonferma li kien hu li ha l-*breathalyser test* tal-imputat u li r-rizultat kien wiehed positiv fis-sens li l-livell tal-alkohol fl-imputat ftit wara l-habta kien gholi minn dak preskritt mill-ligi. Huwa qara rizultat bhala dak ta' 112mg per 100ml fin-nifs. Stqarr wkoll li l-imputat kellu riha ta' xorb qawwija.

Ikkunsidrat:

Illi d-difiza sostniet li l-prosekuzzjoni naqset li tipprova l-kaz taghha u dan ghaliex fl-ewwel lok, ma ppruvatx li fejn kien qed isuq l-imputat kienet triq pubblika u fit-tieni lok, peress li l-Ufficjal Investigattiv s-Supretendent Antonello Grech ma hax zewg kampjuni tan-nifs w it-*test* mehud minnu w immarkat bhala dokument AG, ma jikkostitwix prova. Fit-tielet lok ukoll d-difiza sostniet li l-kampjun tan-nifs mehud mill-imputat m'ittehditx f'laboratorju approvat mill-Ministru w ghalhekk r-reat ma jistax jigi ppruvat.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bla ebda dubbju ta' xejn li l-imputat kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAT 386 u habat f'vettura li kienet stazzjonata u dan waqt li kien fit-triq. Illi dan il-fatt, ma giex michud jew kontestat mill-imputat.

Illi sussegwentement, jirrizulta li l-imputat ta zewg kampjuni tan-nifs, dak ta' *road side test* mehud minn PC 1120 Anthony Stellini li ta rizultat ta' 112 mg per 100 ml ta' nifs u dak mehud mill-Ispettur Antonello Grech, illum Supretendent gewwa l-ghassa tal-pulizija fir-Rabat, li ta rizultat ta' 90mg per 100ml ta' nifs. Ghalhekk z-zewg testijiet taw rizultat ta' konsum t'alkohol li kien ghola minn dak preskritt mill-ligi, w in oltre, li l-imputat dakinhar tal-incident awtomobilistiku kellu riha ta' xorb .

Id-difiza sostniet li dak t-*test* mehud mis-Supretendent Antonello Grech ma hux konklussiv ghaliex kien *test*

wiehed u li 'n oltre, gie mehud f'post mhux preskritt mill-ligi w ghamel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija nhar t-tnejn ta' Settembru 1999 fl-ismijiet Il-Pulizija v Francis Pace.

Il-Qorti tirrileva li skond l-Avviz Legali Numru 418 tas-sena 2006, dan jipprovdi fl-artikolu 4(2) li "The place where the device mentioned in the second schedule [u cioe lion intoxilyzer 6000 – 220/240 volts] is situated shall, for the purpose of Article 15E(5) of the Ordinance, be considered as a laboratory", kwindi, l-ghassa tal-pulizija tar-Rabat ghandha titqies, ai fini tal-ligi Kap 65, bhala post preskritt mill-ligi w ghalhekk t-*test* mehud mis-Supretendent Antonello Grech huwa wiehed validu fit-termini tal-istess ligi.
Naturalment, din s-sitwazzjoni ma kienetx l-istess meta nghatat s-sentenza fuq citata w imsemmija mid-difiza, ghaliex dan l-Avviz Legali kien ghadu m'ghaddiex.

Illi kif gie ritenut mill-***Qorti tal-Appell Kriminali*** fis-sentenza moghtija nhar s-sitta ta' Gunju 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Etienne Turner** fejn gew citati dik l-istess sentenza msemmija mid-difiza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Francis Pace** moghtija ***nhar t-tnejn ta' Settembru 1991*** w **Il-Pulizija v Clare Falzon** moghtija nhar ***l-hamsa ta' Marzu 2001***, anke fejn "*r-rizultat tat-test ikun sar d-depot, ikun gie ritenut null ghaliex ma sarx fil-post preskritt mill-ligi, xorta wahda jista jittiehed in konsiderazzjoni anke r-rizultat tar-road side test li flimkien mal-provi l-ohra, ikunu juru lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, li s-sewwieq ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb.*"

Ghalhekk, f'dan il-kaz, huwa validu kemm r-*road side test* maghmul ai termini tal-artikolu 15C kif wkoll dak t-*test* maghmul l-ghassa tal-pulizija r-Rabat, li sar ai termini tal-artikolu 15E, li t-tnejn kienu posittivi, izda jirrizulta wkoll li l-imputat kellu riha qawwija ta' xorb u dawn il-fatti joholqu serie ta' provi kemm diretti u cirkostanzjali li lkoll iwasslu lil din il-Qorti sabiex tkun moralment konvinta mill-htija tal-imputat.

**Il-Qorti** ghalhekk wara li rat l-artikolu tal-ligi partikolarment l-artikolu 15A, 15B, 15C u 15E tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li <u>ssib lil imputat ANDREW FALZON hati</u> tal-akkuza addebitata fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mitejn w ghoxrin [220] lira maltin.**

**Inoltre, ai termini tal-artikolu 15H(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li l-imputat jigi skwalifikat mill-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sitt [6] xhur mill-lum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------